MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tal-25 ta' Mejju, 2007

Appell Civili Numru. 1057/2003/1

**Mary Lanfranco u Catherine Naudi**

**v.**

**Fal-con Limited, George Falzon, Michael Falzon, Joseph Falzon, Henry Falzon, David Azzopardi fil-kapacita` taghhom personali**

**Il-Qorti:**

**PRELIMINARI**

1. Dan hu appell ad istanza tal-konvenuti minn sentenza moghtija fid-19 ta’ Ottubru 2006 mill-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet premessi illi, fih gie ritenut u deciz kif ser jinghad hawn taht.
“Il-Qorti:

“Rat ic-citazzjoni ppresentata mill-atturi fil-15 ta’ Ottubru, 2003, li in forza taghha, wara li ppremettew illi:

“L-atturi huma s-sidien, kif ukoll il-possessuri tar-raba ossia ghalqa msejha *‘Tal-Barriera’* kontrada ta’ Hal Mula limiti ta’ Haz Zebbug.

“Il-konvenuti jew min minnhom ghamlu gebel li jifforma tarag minn raba kontigwu ghar-raba ta’ l-atturib’mod li huma holqu access mir-raba taghhom ghar-raba ta’ l-atturi u dana hekk kif se jipprovaw l-atturi waqt it-trattazzjoni tal-kawza odjerna.

“Dan l-agir da parti tal-konvenuti jew min minnhom huwa molestja tad-drittijiet ta’ l-atturi liema molestja giet kommessa matul din l-ahhar sena a tenur ta’ l-Artikolu 534 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“Talbu lill-konvenuti jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex:

“1. Tiddikjara li l-atturi jinsabu presentement fil-pussess tar-raba ossia l-ghalqa msejha *‘Tal-Barriera’* fil-kontrada ta’ Hal Mula limiti ta’ Haz Zebbug u li l-istess atturi ghandhom jinzammu fil-pussess ai termini tal-Artikolu 534 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“2. Tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti jew min minnhom ikkomettew molestja fil-konfront ta’ l-atturi u li dan gie kommess entro din l-ahhar sena ai termini tal-Artikolu 534 tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

“3. Tikkundanna u tordna lill-konvenuti jew min minnhom sabiex fi zmien qasir u perentorju li jigi lilhom prefiss minn din il-Qorti jirripristinaw ir-raba ossia l-ghalqa msejha *‘Tal-Barriera’* fil-kontrada ta’ Hal Mula limiti ta’ Haz

Zebbug fl-istat li kienet qabel il-molestja kommessa minnhom.

“4. In difett li l-konvenuti jew min minnhom jaghmlu dan fiz-zmien lilhom moghti mill-Qorti, li l-atturi jigu awtorizzati li jaghmlu l-istess xogholijiet necessarji u ordnati mill-Qorti huma stess a spejjez tal-konvenuti jew min minnhom.

“Bl-ispejjez u l-konvenuti kollha minn issa ingunti in subizzjoni, ub’riserva ta’ kwalsiasi azzjoni ohra spettanti lill-atturi, senjatament dik ghad-danni.

“Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti li in forza taghha eccepew illi:

“It-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi stante li:

“1. L-eccipjenti ma ghamlu ebda gebel li jifforma tarag kif qed jigi allegat mill-atturi fl-att tac-citazzjoni u ma jirrizultax car mill-atti ghal liema *‘gebel li jifforma tarag’* qed jirreferu l-atturi.

“2. Fic-cirkustanzi tal-kawza odjerna, ma jirrikorrux l-elementi kostitwivi necessarji sabiex tissussisti l-azzjoni attrici (l-*actio manutentionis*) stante li (a) l-eccipjenti ma ikkommettewx ebda att ta’ molestja fil-konfront ta’ l-atturi (b) *inoltre* u minghajr prejudizzju ghas-sueccepijt, l-azzjoni attrici ma tresqietx mill-atturi fi zmien perentorju ta’ sena kif trid il-Ligi u (c) l-atturi ma kellhomx il-pussess necessarju li jippermettihom jinsitwixxu tali azzjoni (u lanqas m’huma sidien ta’ l-art li qed jallegaw li hija taghhom) – u *in ogni caso* jikkombi fuq l-atturi li jipprovaw l-estremi kollha ta’ l-azzjoni odjerna.

“Salvi eccezzjonijiet ulterjuri permessi mil-ligi.

“Bl-ispejjez kontra l-atturi li huma ngunti sabiex jidhru ghas-subizzjoni.

“Rat id-dikjarazzjonijiet guramentati tal-partijiet;

“Semghet il-provi li ressqu l-partijiet;

“Rat l-affidavits prodotti bhala prova;

“Rat l-atti kollha tal-kawza u d-dokumenti ezebiti;

“Semghet lid-difensuri tal-partijiet;

“Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tal-atturi;

“Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza;

“Ikkunsidrat;

“Illi l-atturi, f`din il-kawza, qed jressqu l’hekk imsejha *actio manutensionis*, intiza biex twaqqaf disturb u/jew molestja fil-pussess.

“L-azzjoni ta’ manutenzjoni hi kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili li jipprovdi:

*“Kull min, waqt li jinsab fil-pussess, ta’ liema xorta jkun, ta’ haga immobbli, jew ta’ universalita’ ta’ hwejjeg mobbli, jigi mmolestat f’dak il-pussess, jista’, fi zmien sena mill-molestja, jitlob li jinzamm f’dak il-pussess, basta li ma jkunx ha b’idejh dak il-pussess minghand il-konvenut bi vjolenza jew bil-mohbi, jew ma jkunx kiseb minghandu dak il-pussess b’titolu prekarju”*.

“Dwar l-element ta’ *“pussess”*, din giet studjata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza “Vella vs Boldarini”, decisa fl-24 ta’ Frar, 1967. F’dik il-kawza, l-Onorabbli Qorti tat interpretazzjoni wiesgha tar-rekwizit tal-pussess, u osservat li fis-sistema tal-ligi taghna, l-vizzju tal-prekarjeta, jeskludi l-azzjoni biss meta jkun fil-konfront tal-konvenut, u osservat li dan jirrizulta car mill-kliem *“minghandu”* fl-ahhar tal-artikolu. Dik l-Onorabbli Qorti qalet ukoll li dik kienet l-intenzjoni cara tal-legislatur kif jirrizulta min-noti ta’ Sir Adrian Dingli dwar dan l-artikolu stess li jghamlu enfasi fuq is-sopressjoni tal-kelma *“legittimu”* li kienet tinsab fil-kodici taljan relattivament ghall-pussess manutenibbli.

"Qabel ma inghatat din is-sentenza, il-gurisprudenza lokali kienet kontrarja, u kien jinghad li biex wiehed jirnexxi bl-*actio manutenionis* irid jipprova pussess *animo domini* fis-sens tal-artikolu 524(1) tal-Kodici Civili. Hekk, fil-kawza "Bonello Micallef vs Parnis England", decisa min din il-Qorti fid-9 ta' Mejju, 1957, il-Qorti ddikjarat li:

*"il-pussess, skond l-interpretazzjoni kostanti tal-Qrati Taghna, jikkomprendi biss il-pussess kif definit mill-legislatur fl-art. 561 tal-Kodici citat, jigifieri d-detenzjoni ta' haga 'animo domini' (Kollezz. XXVII.I.622; u XXXIII.II.198); Illi 'ex admissis' l-attrici hija ko-inkwilina tal-fond in kwistjoni, u ghalhekk ma tistax tezercita l-azzjoni llum minnha esperita".*

"Fis-sentenza moghtija mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Arrigo vs Anastasi", decisa fit-3 ta' Gunju, 1959, iddistingwit bejn l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili, u l-azzjoni li tispetta lill-inkwilin. Hi osservat:

*"hu manifest li l-azzjoni esperita mill-attur mhix dik li tohrog mid-dispozizzjoni tal-ligi riferita, li hija moghtija biss fis-sens proprju u strett ta' detenzjoni 'cum animo domini'; u dan ghaliex l-attur ma ghandux, u lanqas ma jippretendi li ghandu, pussess simili, u ma bbazax l-azzjoni fuq dak il-pussess, imma fuq id-dritt li l-ligi taghti lill-inkwilin li jagixxi kontra t-terz li ghemilu jkun immolestah fid-dgawdija tal-haga li tkun giet lilu lokata. Fl-ghemil tat-terz konvenut, deskritt fl-att tac-citazzjoni, l-attur jirravviza molestija; u billi, kif huwa jallega, din mhix molestja ta' dritt, qieghed jagixxi f'ismu nnifsu kontra l-istess konvenut in bazi ghad-dispozizzjoni kontenuta fl-art. 1639 tal-istess Kodici citat, li tipprovdi fis-sens li sid il-kera mhux obligat jaghmel tajjeb lill-kerrej ghall-molestja li terzi persuni b'ghemilhom jikkagunaw lill-inkwilin fid-dgawdija tal-haga, meta dawn il-persuni ma jkunux jippretendu xi jedd fuq il-haga mikrija, bla hsara tal-jedd tal-kerrej li jagixxi kontra dawk il-persuni f'ismu nnifsu"*.

"Hekk ukoll fil-kawza "Mamo vs Camilleri", decisa mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-23 ta' Marzu, 1962, rega'

intqal li l-azzjoni kontemplata fl-artikolu 534 ma tispettax lill-inkwilin, izda lil min hu pussessur skond kif definit fl-istess ligi:

*"L-azzjoni ezercitata lanqas tista' tkun dik ta' manutenzjoni fil-pussess kontemplata fl-art. 571; ghas-semplici raguni illi l-attur hu biss kerrej tal-fond, cjoe' semplici detentur, mentri dik l-azzjoni tikkompete biss lil min hu possessor fis-sens veru tal-art. 561(1) tal-imsemmi Kodici (Vol. XXVII.I.622)"*

"Recentement, il-posizzjoni regghet giet studjata minn din il-Qorti (Onor. G. Caruana Demajo) fil-kawza "Aquilina vs Aquilina", decisa fit-8 ta' Frar, 1996. Din il-Qorti ma qablitx ma l-interpretazzjoni moghti mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini", u qalet li min m'ghandux pussess *ancorche' "ta' liema xorta jkun"*(ie. ukoll *in mala fede*), ma jistax jipproponi l-*actio manutentianis*. Ghalhekk, inkwilin, li ghandu biss *causa detentionis*, m'ghandux din l-azzjoni. Il-Qorti osservat li *"titolu prekarju"* fis-sistema Malti ghandha tifsira cara fl-artikolu 1839 tal-Kodici Civili, u, ghalhekk, m'ghandhiex tigi interpretata skond id-duttrina franciza (kif ghamlet l-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza "Vella vs Boldarini") fejn ghandha signifikat ta' *"ogni detenzione in nome altrui"*.

"Din l-ahhar posizzjoni, tidher, li qed tigi segwita mill-Qrati taghna. Fil-kawza "Mamo vs Galea", decisa minn din il-Qorti (Onor. P. Sciberras) fit-18 ta' Frar, 2004, intqal:

*"Issa l-pussess tutelabbli li jillegittima l-azzjoni hu dak definit fl-Artikolu 524 (1) tal-Kapitolu 16. Pussess li allura ghandu jkun b'rekwizit il-karattru tal-pussess ad usucapionem, ossija l-pussess pacifiku, kontinwu, pubbliku u ininterrott. "Pussess li kellu jfisser bhala minimu detenzjoni ta' haga animo domini. Kien ghalhekk li jinsab ritenut illi azzjoni ta' din ix-xorta ma tistax tigi ezercitata minn persuna li kienet, per ezempju, semplici inkwilina tal-fond li fih tkun saret il-molestja li tkun trid tigi respinta b'dik l-azzjoni"* (Vol. XLI PII p 1005; Vol. XXXIII P II p 198)*".*

"Hekk ukoll fil-kawza "Borg vs Cachia Zammit", decisa minn din il-Qorti (Onor. D. Scicluna) fit-8 ta' Ottubru, 2004, gie osservat illi:

*"Issa huwa veru li l-artikolu 534 tal-Kodici Civili jipprovdi li l-azzjoni ta' manutenzjoni jista' jressaqha min "jinsab fil-pussess … ta' haga immobbli" u li dan il-pussess jista' jkun "ta' liema xorta jkun"; izda dan ma jfissirx li d-detenzjoni hija bizzejjed ghax detenzjoni mhijiex pussess. Kemm "pussess ta' liema xorta jkun" ma jinkludix ukoll id-detenzjoni jidher aktar car mill-artikolu ta' wara (l-artikolu 535) dwar l-azzjoni ta' spoll li, kontra dak li jipprovdi l-artikolu 534, isemmi kemm il-"pussess ta' liema xorta jkun" kif ukoll "id-detenzjoni" biex juri li l-azzjoni ta' spoll jista' jressaqha wkoll id-detentur. Ghalhekk l-attur ma setax jipprocedi kontra l-konvenuti ai termini ta' l-artikolu 534 tal-Kodici Civili izda kellu semmai rimedji alternattivi kontemplati mill-istess ligi"*.

"Din il-Qorti taqbel ma' dan l-insenjament, u tqies li l-*actio manutensionis* tista' tigi ezercitata biss min min ikollu *"pussess"*, fis-sens tal-ligi, tal-proprjeta' *in kwistjoni*.

"Issa, f`dan il-kaz, jirrizulta li l-art in kwistjoni imsejha *"tal-Barriera"*, kontrada ta' Hal-Mula, limiti ta' Haz-Zebbug, hija proprjeta` u kienet fil-pussess tal-atturi mill-10 ta' Lulju, 2003, peress li wirtuha,b'titolu ta' legat, titolu trasmizziv ta' drittijiet reali, minghand Rita Muscat. Din Rita Muscat kienet iddisponiet min gidha b'testment fl-atti tan-Nutar Dottor Jeannette Laferla Saliba tal-31 ta' Ottubru, 1994. L-art in kwistjoni hija mqabbla lil certa Mary Micallef ghal dawn l-ahhar 22 sena u wara l-mewt ta' Rita Muscat, qed thallas il-qbiela lill-atturi.

"L-awtur Taljan Alberto Trabucchi (*"Istituzione di Diritto Civile"* CEDAM 1999) jiccita l-artikolu relattiv mil-ligi Taljana li jirrizulta simili ghal dak fit-test Malti: *"Il possesso e` definito dell'art 1140 come un potere sulla cosa che si manifesta in un`attivita` corrispondente all'esercizio del diritto di proprieta` o di un altro diritto reale"* (pagna 455).

"Ic-cirkustanzi ta' fatt indikati aktar 'l fuq jikkonfermaw li, fil-fatt, l-atturi ghandhom il-pussess legali mehtieg biex ikunu jistghu jezercitaw l-azjoni in kwistjoni. Ghalkemm jista` jkun hemm kontestazzjoni dwar kemm l-art kollha hi tal-atturi (partikolarment il-parti meritu ta' din il-kawza), jirrizulta pruvat li l-atturi ghandhom pussess legali tal-art kollha, u l-awtrici taghhom ilha tezercita dan il-pussessb'mod pubbliku u pacifiku ghall-zmien twil.

"Il-molestja hija rakkontata mill-imsemmija Mary Micallef li qalet li lejn l-ahhar ta' Marzu tal-2002 indunat li xi hadd kien ghamel fetha fil-hajt tas-sejjiegh li jdawwar l-ghalqa mahduma minnha, u ghamel speci ta' tarag bil-gebel biex mill-ghalqa adjacenti ikun hemm access fl-ghalqa detenuta minnha. Hi ma ratx lil min fizikament ghamel din il-fetha, pero`, spjegat illi *"l-ghalqa f`idejja tinsab bejn zewg ghelieqi ta' Falzon u, ghalhekk, nahseb li huma ghamlu dak l-acess biex minn habel wiehed taghhom jghaddu minn fuq tieghi ghal habel iehor li hu wkoll taghhom, jigifieri qed jghaddu minn dak l-access biex ikollhom access aktar facli ghall-habel li huma ghandhom ukoll aktar 'l isfel mill-ghalqa tieghi"*. Din Mary Micallef kienet ilha tahdem l-ghalqa inkluz l-area li fuqha infetah access, ghall-22 sena, u qatt ma kellha problemi minn hadd, sakemm sar dan l-incident.

"Il-konvenuti jallegaw li, f`kull kaz, dan l-ispeci ta' access ilu hemm zmien twil u ma sarx fl-ahhar sena. Li l-access infetah fl-ahhar sena qabel il-ftuh tal-kawza, jirrizulta, pero`, mhux biss mix-xhieda ta' Mary Micallef, imma ukoll mix-xhieda ta' certu Marcello Sciriha (secondo kugin tar-ragel ta' Mary Micallef), li ikkonferma li, fl-ahhar zminijiet, xi hadd waqqa` l-hajt *"fethu l-fetha u tefghu l-gebliet mal-art biex ikun qiesu tarag"*.

"Il-konvenuti ressqu bhala xhud lill-perit Fenech Vella li ittiehed fuq il-post, u ra t-tarag in kwistjoni. Hu mar ghall-habta ta' Ottubru tal-2004, u, skond hu, l-tarag kien ilu hemm xi 4 jew 5 snin. Din il-Qorti tara li din l-opinjoni, retta kemm hi retta, ma tistax iservi biex ixejjen xhieda okulari ta' persuna li tahdem fir-raba` in kwistjoni, u

xehdetb'mod car dwar meta rat il-fetha fil-hajt. Xhieda ta' fatt, jekk emunuta, ma tistax tigi mxejnab'opinjoni, u din il-Qorti dehrilha li x-xhieda li tat Mary Micallef hi attendibbli u ta' min joqghod fuqha.

"Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm ma jirrizultawx provi diretti ta' x`sar u min min, hemm bizzejjed indizju li jwasslu lill-Qorti tikkonkludi li l-fetha saret mill-konvenuti, fizikament jewb'approvazzjoni taghhom lejn l-ahhar ta' Marzu, 2002, jigifieri entro it-terminu ta' sena kontemplat fl-artikolu 534 tal-Kodici Civili, u kwindi l-atturi ghandhom dritt jigu reintegrati fil-pussess shih tal-ghalqa in kwistjoni.

"Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, tiddisponi mill-kawza billi tilqa` t-talbiet tal-atturi kif dedotti, u ghall-fini tat-tielet talba tipprefiggi terminu ta' ghoxrin (20) jum millum li fih il-konvenuti *in solidum* ghandhom jaghlqu l-access li fethu mir-raba taghhom ghar-raba tal-atturi.

"L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu kollha mill-konvenuti *in solidum* bejniethom."

**<u>L-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

2. Il-konvenuti hassew ruhhom aggravati b'din is-sentenza u ghalhekk huma interponew appell kemm minnha, kif ukoll minn digriet interlokutorju moghti mill-istess Qorti fis-6 ta' Ottubru 2006, fejn talbu allura r-revoka kemm tas-sentenza appellata kif ukoll tad-digriet imsemmi li permezz tieghu t-talba taghhom ghall-prezentata tardiva ta' nota ta' osservazzjonijiet responsiva kienet giet respinta, bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-atturi appellati.

**<u>IR-RISPOSTA TA' L-ATTURI GHALL-APPELL TAL-KONVENUTI</u>**

3. Min-naha taghhom, l-atturi appellati, wiegbu li l-aggravji kollha tal-konvenuti kienu ghal kollox infondati u kienu jimmeritaw li jigu ilkoll respinti u dana peress ukoll li kemm is-sentenza u d-digriet li dwarhom sar dana l-appell kienu korretti u gusti.

**<u>KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI</u>**

4. L-aggravji tal-konvenuti appellanti, li huma erbgha fin-numru, jistghu jigu succintement migburin fis-segwenti:
(i) Kien hemm zball fil-komputazzjoni tat-terminu ta' sena da parti ta' l-ewwel Qorti li fiha suppost giet intavolata l-azzjoni ta' l-atturi, bbazata fuq l-*actio manutentionis*, u dana riferibbilment ghad-data ta' meta suppost sehh l-allegat att turbattiv.

(ii) L-apprezzament tal-provi maghmul mill-ewwel Qorti kien wiehed zbaljat u messu wassal ghac-cahda tat-talba attrici u mhux ghall-akkoljiment taghha.

(iii) Dwar in-natura tal-pussess, l-appellanti ma jaqblux mal-konkluzjoni tal-Qorti ta' l-ewwel grad li kkonkludiet li kien jirrizulta ppruvat li l-atturi ghandhom pussess legali ta' l-art kollha u l-awtrici taghhom ilha tezercita dan il-pussess b'mod pubbliku ghal zmien twil. Anzi, il-provi prodotti jwasslu ghall-konkluzjoni opposta.

(iv) L-appellanti hassewhom ukoll aggravati bid-digriet datat is-6 ta' Ottubru 2006 moghti mill-ewwel Qorti fejn it-talba taghhom biex jigi koncess lilhom terminu itwal biex jirrispondu b'nota responsiva ghal nota ta' osservazzjonijiet tal-kontroparti attrici giet respinta, u dana fi sfond meta talba simili da parti ta' l-atturi kienet giet akkolta u meta n-notifika ta' din in-nota sehhet ferm wara l-prezentata tan-nota ta' l-atturi fir-Registru tal-Qorti.

5. Din il-Qorti sejra tikkunsidra fl-ewwel lok l-ahhar aggravju ghaliex, talvolta akkolt, jista' potenzjalment jincidi fuq dak li gie finalment deciz, minn punto di vista ta' procedura, b'mod li anke jista' jwassal, dejjem jekk l-aggravju jitqies bhala wiehed fondat, biex tigi addirittura revokata u annullata s-sentenza appellata.

6. Mill-atti jirrizulta li, in forza ta' verbal tal-15 ta' Gunju 2006, jigifieri fl-ahhar seduta qabel ma nghatat is-sentenza tnizzel *inter alia* (ara fol. 60 tal-process) li gej:
"Il-Qorti taghti fakulta` lill-atturi jipprezentaw nota ta' osservazzjonijiet sa mhux aktar tard minn nhar il-Gimgha, 28 ta' Lulju 2006, bil-visto jew notifika tal-kontroparti, li jkollhom il-fakulta` jipprezentaw nota ta' l-osservazzjonijiet

sa mhux aktar tard min-nhar il-Gimgha, 22 ta’ Settembru 2006, u l-Qorti, f’kull kaz, thalli l-kawza ghas-sentenza ghal nhar il-Hamis, 19 ta’ Ottubru 2006 fid-9.00am.“

Fis-27 ta’ Lulju 2006, jigifieri jum qabel ma skada l-ewwel terminu, l-attur ipprezenta rikors li fih talab li tigi koncessa lilu estensjoni tat-terminu, jigifieri sat-8 ta’ Awissu 2006, liema talba giet milqugha u effettivament proprju f’dik id-data giet ipprezentata l-imsemmija nota (ara fol. 73 *et seq*). Gara li n-notifika lill-kontroparti hadet sal-5 ta’ Ottubru 2006 biex issehh. Il-legali tal-konvenuti li, skond il-precitat verbal, kellu sat-22 ta’ Settembru 2006 ghalbiex jirrispondi, intavola rikors biex lilu wkoll tigi koncessa estensjoni, izda din it-talba giet respinta mill-ewwel Qorti u wara hija ghaddiet ghas-sentenza. L-appellanti jissottomettu li l-ewwel Qorti mxiet ingustament fil-konfront taghhom u addottat mizura ta’ “*two wieghts, two measures*”, b’mod li gew agevolati l-atturi u puniti severament il-konvenuti li spiccaw privati kemm minn trattazzjoni orali, kif ukoll minn wahda miktuba. Din il-Qorti, ghalkemm tifhem l-irritazzjoni u s-sens ta’ frustrazzjoni tal-konvenuti, ma hijiex tal-fehma li z-zewg kazi jistghu jitqeghdu fuq l-istess kejl. It-talba attrici saret jum qabel ma skada l-ewwel terminu, mentri fil-kaz tal-konvenuti, dawn l-ewwel hallew it-terminu impost fuqhom jiskadi b’diversi granet u kien biss fis-6 ta’ Ottubru 2006 li hadu l-inizzjattiva. Huwa minnu li n-notifika tan-nota ta’ l-atturi hadet iz-zmien taghha biex tigi effettwata u effettivament sehhet wara d-data tat-22 ta’ Settembru 2006, imma ma kien hemm xejn milli jzomm lill-konvenuti milli jivverifikaw x’kien gara fil-frattemp u jaghmlu talba ghal fini ta’ estensjoni f’data anterjuri. L-ewwel Qorti kienet ghamlitha cara mill-ewwel li l-kawza, wara d-data tat-22 ta’ Settembru 2006 kienet f’kull kaz sejra tithalla ghas-sentenza ghad-19 ta’ Ottubru 2006 u ghalhekk kien evidenti li l-konvenuti kienu qeghdin jiehdu riskju serju meta ghazlu li jistennew li ssehh in-notifika tan-nota ta’ l-atturi qabel ma jiccaqilqu. Id-dati kienu maghrufin minn qabel u minn kulhadd. Li kieku l-konvenuti hadu l-briga li jivverifikaw dahlitx nota jew le kienu jiskopru l-ewwelnett li kienet intalbet estensjoni ta’ ftit jiem u fit-tieni lok li mid-data tat-8 ta’ Awissu 2006, tali nota kienet disponibbli fir-

Registru tal-Qorti. Ir-raguni l-ohra moghtija mill-konvenuti, dik jigifieri li l-avukat taghhom kien imsiefer “bejn l-ahhar ta’ Awissu ... u gie lura fl-ahhar ta’ Settembru 2006” lanqas issemmiet fir-rikors tal-konvenuti tas-6 ta’ Ottubru 2006 u f’kull kaz ma tiggustifikax l-inadempjenza kommessa. Ghandu jinghad li l-irritazzjoni tal-konvenuti kienet aktar accentwata f’dan il-kaz ghar-raguni li originarjament, fil-bidu inizjali tal-kawza, l-atturi ma kenux ottemperaw ruhhom fiz-zmien moghti lilhom biex jindikaw ir-rilevanza ta’ kull xhud elenkat minnhom u jesebixxu d-dokumenti relativi – nuqqas li ghall-ewwel wassal biex l-ewwel Qorti tiddekrata li kienet qeghdha tippriva lill-atturi milli jressqu x-xiehda taghhom dwar il-kaz biex imbaghad in segwitu tali mizura drakonjana giet revokata *contrario imperio*. Din il-Qorti ghalkemm ghal darb’ohra tasal biex tikkomprendi d-dizappunt tal-konvenuti, xorta wahda jidhrilha li ma hemmx paragun ma’ dak li kienu sejrin jissubixxu l-atturi bid-divjet tal-Qorti u dak li gie dekratat fil-kaz tal-konvenuti. Fl-ewwel kaz kellek sitwazzjoni fejn l-atturi kienu indikaw b’mod generiku x-xhieda kollha taghhom fil-kaz u nghataw zmien biex ikunu aktar specifici. Huma ma ottemperawx ruhhom mad-data moghtija u l-ewwel Qorti qabdet u ddekretat illi ccahhad ghal kollox lill-atturi milli jressqu kwalsiasi xhud u dan meta l-provi kienu lanqas biss ma bdew jinstemghu. Fil-kaz tal-konvenuti, jirrizulta invece li l-provi kemm ta’ naha u kemm ta’ ohra kienu nstemghu u l-Qorti kienet ghamlitha cara, li f’kull kaz, is-sentenza kienet sejra tinghata fid-data ffissata ghal dan l-iskop. Ghalhekk dan l-aggravju dwar id-digriet moghti huwa infondat u qieghed jigi respint.

7. L-ewwel aggravju fil-mertu huwa dwar apprezzament skorrett tal-provi prodotti riferibbilment ghat-terminu ta’ sena bejn meta sehhet l-allegata molestja u meta giet ipprezentata c-citazzjoni ta’ l-atturi. Bilkemm hemm ghalfejn jerga’ jinghad li bhala prassi din il-Qorti ma tiddisturba qatt leggerment dak l-apprezzament hekk maghmul mill-Qorti ta’ l-ewwel grad, li quddiemha jkunu saru l-provi, jekk mhux ghal raguni gravi li tiddetta li ghandu jsir hekk biex ma tigix kommessa ingustizzja. Din il-Qorti ezaminat mill-gdid il-provi kollha li gew prodotti

sabiex tkun f'qaghda li tiddetermina l-fondatezza o meno ta' l-aggravju tal-konvenuti appellanti, fid-dawl tas-sottomissjonijiet taz-zewg nahat.

8. Il-fatti tal-kaz fis-semplicita` taghhom huma kif sejjer jinghad: L-atturi jallegaw li huma proprjetarji u possessuri ta' ghalqa maghrufa bhala 'tal-Barriera', fil-kontrada ta' Hal-Mula, limiti ta' Zebbug, Malta. L-attrici Mary Lanfranco xehdet li fis-27 ta' Mejju 2003 giet informata mill-gabillotta Mary Micallef b'kostruzzjoni bil-gebel magenb dina l-ghalqa konsistenti f'tarag u li hija tghid li sar mill-konvenuti bl-iskop li dawn ikollhom access ahjar u aktar dirett ghar-raba taghhom, u dan proprju permezz tat-turgien imsemmija. L-atturi jallegaw li tali agir kien jammonta ghal molestja tad-drittijiet taghhom *qua* <u>sidien</u> u possessuri ta' l-ghalqa u allura huma ghazlu li jezercitaw l-*actio manutentionis* a tenur ta' l-Artikolu 534 tal-Kap. 16. sabiex iharsu hwejjighom skond il-ligi. Talbu ghalhekk li kollox jigi ripristinat ghall-istat li fih l-ambjent kien jinsab qabel ma giet kommessa din il-molestja.

Min-naha taghhom, il-konvenuti eccepew li huma ma ghamlu ebda tarag bil-gebel kif gie allegat mill-atturi u li "ma jirrizultax car mill-atti ghal 'liema gebel li jifforma tarag' qed jirreferu l-atturi". *Di diritto*, imbaghad, eccepew ukoll li l-elementi kostituttivi ghall-azzjoni intentata mill-atturi kienu neqsin.

9. L-ewwel aggravju tal-konvenuti huwa dwar l-eccezzjoni taghhom li l-kawza attrici saret *fuori termine*, u cioe` kienet gia` qabzet sena minn meta sehhet l-allegata molestja, liema eccezzjoni ma gietx milqugha. Il-konvenuti jghidu li mid-data msemmija mill-Qorti stess – jigifieri Marzu 2002 – u d-data tal-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni – 15 ta' Ottubru 2003 – kienu ghaddew ferm aktar minn tnax-il xahar.

10. Minn ezami tas-sentenza appellata jirrizulta illi fiha jinghad car u tond li Mary Micallef, il-gabillotta ta' l-ghalqa "qalet li lejn l-ahhar ta' Marzu 2002 indunat li xi hadd kien ghamel fetha fil-hajt tas-sejjiegh li jdawwar l-ghalqa mahduma minnha, u ghamel speci ta' tarag bil-gebel ...".

Aktar tard fis-sentenza mbaghad l-ewwel Qorti tikkonkludi hekk:
"Fil-fehma tal-Qorti, ghalkemm ma jirrizultawx provi diretti ta' x'sar u minn min, hemm bizzejjed indizju li jwassal lill-Qorti tikkonkludi li l-fetha saret mill-konvenuti, fizikament jew b'approvazzjoni taghhom lejn l-ahhar ta' Marzu, 2002, jigifieri entro t-terminu ta' sena kontemplat fl-Artikolu 534 tal-Kodici Civili ...". (sottolinear ta' din il-Qorti).

Issa, sakemm l-ewwel Qorti ma kenitx qeghda tikkonsulta xi kalendarju differenti minn dak Gregorjan, jidher li kien ghadda certament aktar minn perjodu ta' sena mis-27 ta' Marzu 2002 sad-data tal-prezentata ta' l-att tac-citazzjoni, jigifieri l-15 ta' Ottubru 2003. Ir-risposta ghal dan kollu min-naha ta' l-appellati huwa (ara risposta ghar-rikors ta' appell) s-segwenti ragjonament:
"Huwa minnu illi l-ewwel qorti ffissat id-data ta' Marzu 2002 izda l-appellanti ma qalu mkien fl-appell taghhom, kif il-Qorti waslet ghal din il-konkluzjoni. L-appellanti ghazlu mill-ewwel interpretaw dan l-izball tal-Qorti bhala *lapsus calami.*"

11. Bir-rispett dovut, dan hu ghal kollox skorrett ghaliex jidher ovvju li l-ewwel Qorti, u hekk issottomettew l-appellanti, strahet fuq dak li asseriet ghal darba darbtejn Mary Micallef fid-deposizzjoni taghha, jigifieri il-gabillotta ta' l-ghalqa *de quo*. Huwa minnu, u min hawn inqala' t-tahwid kollu, li l-attrici Mary Lanfranco xehdet in affidavit li hija giet a konjizzjoni tal-fatti fis-27 ta' Mejju 2003, imma din id-data ma taqbilx mad-data msemmija ripetutament mix-xhud taghha, li dejjem semmiet "Marzu 2002". Issa li kieku l-ewwel Qorti ddecidiet li tinjora dak li xehdet Mary Micallef u ssejjes is-sentenza moghtija fuq id-data moghtija mill-attrici, allura l-appellati kien ikollhom ragun jghidu li ma kenitx ghaddiet sena minn meta sehhet il-molestja sad-data tal-prezentata tac-citazzjoni imma, mhux hekk jidher li gara. Lanqas jista' jinghad li l-ewwel Qorti zbaljat meta semmiet id-data ta' Marzu 2002 ghaliex din id-data harget proprju mix-xiehda ta' Micallef. Rinfaccjati b'din id-diskrepanza ovvja dwar dati, l-appellati jintentaw jibnu argument mix-xiehda moghtija minn Marcello Scriha. Izda x-xiehda ta' dan ix-xhud hija vaga u

generika wisq in kwantu tirreferi ghad-data ta' l-allegata molestja. Dan jghid biss li "naf li madwar sentejn ilu waqa' parti mill-hajt". Bil-fatt li Scriha ddepona fit-8 ta' Ottubru 2004, ma jfissirx konkluzzivament li l-molestja sehhet bilfors minn Ottubru 2002 'il quddiem. L-att tac-citazzjoni ma jippreciza l-ebda data u ma hemm ebda riferenza ghal xi ittra interpellatorja jew protest li tista' tghin f'dan ir-rigward, u kwindi din il-Qorti ssibha difficli biex tirrikoncilja s-sottomissjonijiet ta' l-appellati fis-sens li hemm provi sufficjenti li juru meta ezattament sehhet l-allegata molestja. Lanqas ma jista' jinghad illi l-atturi setghu gew sorprizi b'din il-linja difensjonali da parti tal-konvenuti l-ghaliex sa mill-bidunett tal-vertenza, il-konvenuti appellanti kienu eccepew (ara nota ta' l-eccezzjonijiet, fol. 31 tal-process, para 2 (b) hekk:
"li .... inoltre u minghajr pregudizzju ghas-sueccepijt (recte: sueccepit), l-azzjoni attrici ma tressqietx (recte: tressqitx) mill-atturi fi zmien perentorju ta' sena kif trid il-Ligi."

Kien jinkombi allura fuq l-atturi li jressqu prova <u>inekwivoka</u> li l-molestja sehhet f'Mejju 2003 u mhux f'Marzu 2002. Ix-xiehda moghtija mill-persuna li 'skopriet' it-tarag *de quo*, jigifieri Mary Micallerf (prodotta mill-attrici stess) hija krucjali ghar-rizoluzzjoni ta' dan il-punt. Din *inter alia* xehdet hekk (ara fol. 41 tal-process):
"Dawn ic-cirkustanzi jigifieri meta jien sibt dan it-tarag <u>kien f'Marzu tal-2002</u> lejn l-ahhar ta' Marzu u jekk niftakar sew kien <u>is-27 ta' Marzu</u> pero` dwar il-gurnata m'inix preciza. Dak in-nhar stess filghaxija jien cempilt lil Mrs. Lanfranco (i.e. l-attrici) u ghaddilha (<u>recte</u>: ghidtilha) x'sibt u x'gara ...

X X X

"Jiena qatt ma kelli *complaints* u qatt ma kelli problemi sakemm kif ghid(t) inqalghet din il-problema li semmejt <u>fis-sena 2002</u>."

Jekk kien hemm xi dubbju imbaghad li hawn non si trattava ta' xi *lapsus*, ix-xhud taghlaq il-kontro-ezami taghha b'dan il-mod (fol. 42)

“Ir-ritratti hadthom dak in-nhar li indunajt bit-tarag jigifieri jekk m’inhiex sejjer (recte: sejra)  zball fis-27 ta’ Marzu 2002.”

12.  Din il-Qorti jidhrilha li l-aggravju ta’ l-appellanti taht dan l-aspett huwa fondat u jsegwi ghalhekk li c-citazzjoni ddahhlet *fuori termine*.  Kienet ghaddiet aktar minn sena bejn l-allegata molestja sa meta giet intavolata l-azzjoni. Ghalhekk ifisser li s-sentenza timmerita li tigi revokata in kwantu giet ibbazata fuq azzjoni li saret barra mit-termini kif hemm stipulat fl-Artikolu 534 tal-Kap. 16.  Ghall-istess raguni isegwi li din il-Qorti m’ghandhiex ghalfejn tinvesti l-bqija ta’ l-aggravji sollevati mill-konvenuti.

Ghal dawn ir-ragunijiet:
Tiddeciedi billi fl-ewwel lok tichad l-appell tal-konvenuti in kwantu dirett kontra d-digriet moghti mill-ewwel Qorti fis-6 ta’ Ottubru 2006; fit-tieni lok tilqa’ l-appell tal-konvenuti kwantu bbazat fuq l-aggravju li l-azzjoni ta’ l-atturi saret *fuori termine* u ghalhekk qeghda tirrevoka u tannulla s-sentenza appellata u tilqa’ l-eccezzjoni sollevata f’dan is-sens mill-konvenuti appellanti, b’dan li l-ispejjez kwantu ghall-ewwel istanza ghandhom ikunu interament a kariku ta’ l-atturi appellati, mentri l-ispejjez gudizzjarji relativi ghall-appell ghandhom jithallsu kwantu ghal terz ($^{1}/_{3}$) mill-konvenuti u r-rimanenti zewg terzi ($^{2}/_{3}$) mill-atturi appellati.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------